**9 ta' Novembru, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Anthony Zammit

*versus*

Mary Joan sive Joan mart l-istess
attur minnu legalment separata.

**ULIED MINORENNI — KURA TA'. — KAP TA' L-ISPEJJEŻ. ART. 221. KODIĊI PROĊEDURA.**

*Fl-interess tat-tfal, l-ambjent tad-dar u tal-familja, speċjalment meta dawn ikunu parenti viċini, hu preferibbli għall-ambjent ta' istitut.*

*Meta l-Qorti tittempera li spejjeż ma tistax tmur iktar l-hemm milli tordna illi l-ispejjeż ma jiġux taxxati, salvi eċċezzjoni speċjalissimi.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħud kull provvediment opportun peress li l-konvenuta qegħda tgħix ħajja ħażina u tipprostitwixxi ruħha, u b'dan l-aġir tagħha kisret il-kondizzjonijiet u patti stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni personali pubblikat fl-atti tan-Nutar George Cassar u għalhekk iddikadiet mid-drittijiet u benefiċċji fl-istess atti stipulati u partikolarment mid-dritt għall-alimenti u mil-kura ta' uliedha minuri, Tania, Rita u Nathalie, u peress li mhux fl-interess tal-minuri li jibqgħu jgħixu mal-konvenuta imħabba l-ħajja ħażina li qegħda tgħix l-istess konvenuta. talab illi, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jirriżultaw ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża: (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta kisret il-kuntratt fuq imsemmi u speċjalment il-patt dwar billi kkommettiet atti li normalment taħt il-Kodiċi Ċivili itelfu d-dritt għall-alimenti mingħandu; (2) li t-tlett ulied komuni tal-kontendenti jiġu taħt il-kura tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li ssottomettiet illi l-attur ma jistax jinvoka kontra tagħha l-ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-kuntratt ta' separazzjoni personali imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għaliex huwa stess naqas mill-kondizzjoni li jħallas lilha r-rata tal-manteniment miftehma; u, rigward it-tieni domanda, li l-attur mhux persuna idonea biex iżomm it-tfal minuri tagħhom.

Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti fuq indikata fl-ewwel (1) ta' Settembru, 1964, li biha ġiet milqugħa t-tieni talba tal-attur fis-sens li l-konvenuta ġiet kundannata tikkonsenja fi żmien erba u għoxrin siegħa lill-Maria Grasso, fid-dar tal-abitazzjoni tagħha, it-tlett itfal minuri Maria

Tania, Rita u Nathalie, jew dawk li għadhom għandha, salv kwalunkwe provvediment li jkun xieraq fil-każ li l-konvenuta tfixkel b'xi mod l-esekuzzjoni ta' dina s-sentenza, u l-istess talba ġiet miċħuda fis-sens li ġie dikjarat illi l-imsemmija minuri ma għandhomx jiġu fdati taħt il-kura tal-attur; b'dana, pero li l-kontendenti jkollhom aċess għall-imsemmija uliedhom kull nhar ta' sibt mill-4 sa 6 p.m. f'ambjent separat tad-dar tal-imsemmija Grasso, u ebda wieħed minhom ma jkun jista joħroġ miegħu l-istess tfal jekk mhux akkompanjat mill-istess Maria Grasso, jew persuna ta' eta adulta li tkun ta' fiduċja tagħha, u l-attur għandu jibqa jħallas il-pensjoni alimentarja ta' tlett liri (£3) fil-ġimgħa lill-imsemmija wlied minuri f'idejn Maria Grasso, fid-dar tal-abitazzjoni tagħha, malli dawna jiġu kollokati għandha, u stant ċ-ċirkostanzi ġie deċiż illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, pero id-dritt tar-reġistru tħallsu l-konvenuta — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Li l-kontendenti b'kuntratt riċevut minn-Nutar George Cassar fl-għaxra (10) ta' Lulju, 1963 kienu addivenew għall-separazzjoni konsenswali, u fost pattijiet oħra, il-kura u l-edukazzjoni tat-tlett itfal minuri Maria Tania, Rita u Nathalie ġiet afdata lill-konvenuta; pero l-attur żamm id-dritt li jkun jista jitlobhom għandu ġurnata fil-ġimgħa u jżommhom jorqdu dik il-lejla miegħu, u l-attur kien obbliga ruħu li jħallas ir-retta alimentarja ta' erbgħa liri u nofs (£4. 10. 0) fil-ġimgħa, in kwantu għal-lira u għaxar xelini (£1. 10. 0) lill-martu u in kwantu għall-tlett liri (£3) lit-tfal.

Li l-partijiet fil-verbal tal-għoxrin (20) ta' Awwissu, 1964 qablu li għal-issa tiġi deċiża biss it-tieni domanda rigwardanti l-kura u l-kustodja tal-minuri billi dina l-materja hija ta' natura urġenti.

Li l-attur, missier il-minuri, baqalu ntegri d-drittijiet tal-patria potesta, għaliex il-fatt tas-separazzjoni ma jinduċix id-dekadenza tagħhom, u anqas ġie pruvat li huwa f'xi żmien kien ġie indott jafda lill-uliedu minuri lill-martu għaliex inkorra fit-telfa ta' dan id-dritt. Għalhekk l-azzjoni tiegħu rigward il-kura tat-tfal għandha tiġi ntiża bħala derivazzjoni ta' dana d-dritt u mhux bħala konsegwenza tal-ksur tal-klawsoli ndikati, kif inesattament qiegħed jiġi pretiż fil-motivazzjoni tat-talba.

Li, pero, billi s-separazzjoni personali interċediet bejn id-drittijiet tal-patria potesta tal-attur, u l-kollokament tat-tfal għand l-konvenuta, permezz tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-attur jibqalu id-dritt li jeżerċita dina l-prerogativa kompatibilment ma dak li l-Qorti jidhrilha li għandha tiddeċiedi fl-interess u għall-vantaġġ esklussiv tal-istess minuri, mingħajr f'ebda mod ma tkun influenzata jew vinkolata mill-pattijiet li setgħu stipulaw il-kontendenti bejnithom dwar il-kura ta' uliedhom minuri fuq l-att tas-separazzjoni. Lill-attur, pero, in vista tal-patria potesta jibqalu, anki jekk separat min martu u min uliedu, l-obbligu li jivviġila fuq il-kura u l-edukazzjoni tagħhom u, okkorrendo, jirrikorri għall-għajnuna tal-Qorti, kif qiegħed isir f'dina l-kawża, biex jiġi rivedut u stabilit il-kollokament tagħhom, skond dak li jkun aktar opportun taħt iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw.

Li skond l-art. 73 tal-Kodiċi Ċivili, kull ftehim bejn mara u raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista, f'kull żmien fuq talba tal-mara jew tar-raġel; jiġi annullat mill-Qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal, u f'dan il-każ il-Qorti għandha tiddeċiedi f'idejn min għandhom jiġu mogħtija t-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati. Dina l-prerogativa tal-Qorti għal dak li jirrig.

warda l-minuri nsibuha ribadita fl-art. 55, 68(3) u 72(2) tal-Kodiċi Ċivili, u l-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna dejjem kienet konkordi fuq dana l-punt.

Li mill-provi jirriżulta li l-ambjent fejn jinsabu kollokati t-tfal m'hu jagħti ebda affidament għall-integrita tal-ħajja morali u tal-edukazzjoni tagħhom. Il-konvenuta, "ex admissis", ammettiet li kienet u għada anki wara s-separazzjoni tiffrekwenta l-irġiel għall-skopijiet illeċiti, u anki ommha, li tidher li qegħda tieħu kura tat-tfal, hija mara ta' kostumi ħżiena. Mill-banda l-oħra l-attur anqas ma jista jingħad li huwa idoneu biex iżomm għandu lill-uliedu, u, a parti l-ħajja notturna u l-kumpanija ekwivoka li jiffrekwenta, ma jidhirx li l-innoċenza tat-tfal ta' eta hekk tenera tista tirrikava xi benefiċċju jew xi eżempji edifikanti minn bniedem li ma staħax jagħmilha tal-lenone ta' martu u jisfrutta l-prostituzzjoni tagħha għal-fini tal-lukru, meta huwa setgħa jgħix u jgħajjex lill-martu mill-qliegħa tas-sena li kif jgħid huwa tirrendilu profitt ta min għaxar liri (£10) sa ħmistax-il-lira (£15) fil-ġimgħa.

Li rriżulta li Maria Grasso, oħt l-attur, hija ta' kondotta tajba u anki żewġha ma hemm xejn x'wieħed jgħid fuqu, u, skond l-opinjoni tal-kappillan tal-Marsa, ma hemm ebda ostakolu li jista jimpedixxi lill-famiglia Grasso li tiġi afdata lilha l-kura tal-minuri. L-imsemmija Maria Grasso u żewġha huma pronti biex jieħdu f'idejhom lill-minuri, u jżommuhom f'darhom.

Li l-Qorti, wara li eżaminat anki il-proposta tal-konvenuta li tixtieq li wliedha jiġu kollokati f'kulleġġ tas-sorijiet, u wara li kkunsidrat il-vantaġġi u l-isvantaġġi ta' din l-proposta, waslet għall-konklużżjoni, li l-imsemmija minuri għandhom jiġu fdati taħt il-kura tal-imsemmija Maria

Grasso, bl-obbligu ta' l-attur li jħallsilhom il-pensjoni alimentarja ta' tlett liri (£3) fil-ġimgħa, kif jinsab stipulat fil-kuntratt tal-firda ġja fuq riferit.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha biex l-imsemmija sentenza tiġi riformata billi tiġi konfermata in kwantu ċaħdet it-tieni talba ta' l-attur aptur appellat u riformata in kwantu fdat it-tfal minuri lil Maria Grasso, billi jiġi, inveċi, provdut illi l-istess tfal minuri jiġu kollokati f'kulleġġ jew istitut ta' Sorijiet fid-diskrezzjoni tal-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li talab illi l-istess sentenza tiġi konfermata, bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuta appellanti tiċċensura s-sentenza mpunjata għal-żewġ motivi li minhom wieħed jirrigwarda l-meritu u l-ieħor jirrigwarda l-kap relativ għall-ispejjeż ġudizzjali.

Riferibilment għall-meritu, l-ilment tal-appellanti hu dak unikament li t-tfal minuri fuq riferiti ġew mogħtjin f'idejn l'imsemmija Maria Grasso u ma ġewx, inveċi, kollokati f'istitut adatt. L-appellanti tallega li ma ġiex mogħti piż biżżejjed lill-ostakolu li hi tgħid li hemm kontra l-kollokament ta' l-istess minuri għand l-imsemmija

Grasso konsistenti, fil-fehemha tagħha, li dina hi oħt l-attur u toqgħod ftit boghod minn daru, fl-istess trieq, u toħodlu ħsieb ta' ħwejjġu u per konsegwenza hu jkun spiss għandha u dan iġib kontatt wisq frekwenti ma wliedu kuntatt li, kunsiderati l-kostumi ħżiena tiegħu, rikonoxxjuti fl-istess sentenza denunċjata, jaġixxi sinistrament fuq is-sens morali tagħhom.

Riferibilment għall-ispejjeż ġjudizzjali l-appellanti tilmenta mil-kundanna tagħha li tħallas id-dritt tar-Reġistru billi tippretendi li din l-ispiża ma għandix tissopportaha hija ġja la darba t-talba ta' l-attur appellat ġiet miċħuda.

Din il-Qorti hi tal-fehemha li l-ewwel wieħed mill-imsemmijin motivi m'għandux forza; inveru, għalkemm ma jonqsux f'dawn il-Gżejjer istituti fejn it-tfal jiġu mrobbijin, istruwiti u edukati sewwa fil-formazzjoni tal-qalb tagħhom u fl-iżvilupp tal-forzi korporali u nte'lettwali bħala fondament tal-ħajja futura tagħhom utili u onesta; iżda hu preferibili fl-interess tat-tfal l-ambjent ta' dar u ta' familja, speċjalment meta dawn ikunu ta' parenti viċini, kif hija l-imsemmija Grasso li tiġi z-zija tat-tfal tal-kontendenti u li, skond il-provi hi ta' kondotta tajba, kif ukoll ta' kondotta tajba hu żewġha, u li m'għandiex tfal u trid u tista tieħu kura tat-tfal tal-kontendenti u toffri affidament li trabbihom, tistruihom u tedukhom sewwa. Jekk, imbagħad, f'xi żmien minħabba d-dbiddil taċ-ċirkostanzi jew għal xi raġuni oħra, is-sorti tat-tfal tkun tirrikjedieh, il-Qorti tista dbiddel l-ordni li ġie mogħti dwarhom fl-interess u għall-aħjar vantaġġ tagħhom.

Kwantu għat-tieni motiv ta' aggravvju rigwardanti l-kap relativ għall-ispejjeż ġjudizzjali skond id-disposiz-

zjoni ta' l-artikolu 221 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u proċedura ċivili, il-Qorti hi tenuta fis-sentenza definitiva li tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż, imma tista tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun telliefa f'xi pont tal-kawża, jew meta jindaħħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkellha għal xi raġuni tajba oħra. Min din id-disposizzjoni espliċita jirriżulta ċar u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjeż ma tistax tmur iktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjeż ma jiġux taxxati, salvi eċċezzjoni speċjalissimi, jingħad fis-sentenza "Haber-Sullivan" (Kol'ez. XXVI, I, 173) — li ċertament ma jirrikorrix fil-każ presenti.

Għall-motivi premessi:

Tilqa l-appell fis-sens bies li tirriforma s-sentenza mpunjata fl-inċidenza ta' l-ispejjeż fejn ordnat illi d-dritt tar-Reġistru tħallsu l-konvenuta billi tiddeċiedi, inveċe, illi l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu mingħajr taxxa u tikkonferma l-istess sentenza denunċjata għall-bqija, bl-ispejjeż ta' dina t-tieni istanza kontra l-konvenut appellanti.